KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 37

**Il-Ħamis 27 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (onlajn)
Simon Paul Fenech – Kunsillier (Skużat)
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 37.1 Qari tal-Apoloġiji

37.1.1 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Fenech kien infurmaha li ma setax jattendi.

### 37.2 Ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku ġodda

37.2.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ir-riżenja minn Sindku mingħand il-Kunsillier Dr Daniel Attard b'effett mill-1 ta' Jannar 2022. Għaldaqstant il-liġi tirrikjedi li qabel titkompla l-laqgħa, għandha ssir il-ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku l-ġodda.

37.2.2 Is-SE staqsiet lill-Kunsillier Kyle Mifsud jekk hux lest li jieħu l-kariga ta' Sindku wara r-riżenja tal-Kunsillier Dr Daniel Attard. Il-Kunsillier Mifsud aċċetta u għaldaqstant il-laqgħa ġiet sospiża temporanjament sabiex issir il-ħatra uffiċjali.

Hekk kif saret il-ħatra, il-laqgħa setgħet titkompla bir-rwoli ġodda, eżattament bil-Kunsillier Kyle Mifsud bħala Sindku, il-Kunsillier Sammut Dimech bħala Viċi Sindku u Dr Daniel Attard bħala Kunsillier.

### 37.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 36

37.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

37.3.2 Il-minuti tas-seduta numru 36 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 37.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

37.4.1 Is-Sindku qal li huwa ta' privileġġ għalih li qed jieħu din il-kariġa l-ġdida ta' Sindku tal-lokalità tal-Imtarfa, b'mod speċjali għaliex din hija l-lokalità li huwa trabba u għex fiha sal-lum.

37.4.2 Is-Sindku informa li Infrastructure Malta kienet ikkonfermat li se tibda xogħlijiet ta' tisbiħ fiż-żona magħrufa bħala tal-karnival (Triq San Alessi). Huwa informa li fost oħrajn se jsiru dwalijiet ġodda, rikostruzzjoni tat-triq u twaħħil ta' picnic tables biex wieħed igawdi din iż-żona li setgħet ukoll tintuża bħala belveder ieħor.

37.4.3 Is-Sindku informa li kien inbeda x-xogħol tal-parkeġġi fil-Housing Estate fejn b'kollox se jkunu żdiedu madwar 20 parkeġġ. Ix-xogħol kollu qed isir minn kuntrattur ta' IM. Ħafna mix-xogħol kien tlesta diġà u kien imiss li jibda x-xogħol fi triq Dar il-kaptan.

37.4.4 Is-Sindku informa li l-offerta tal-Public Works fir-rigward tal-pjazza tal-Imtarfa kien ġie ppubblikat lejn l-aħħar ta' Diċembru u l-offerta kienet se tagħlaq f'nofs Frar 2022.

## 37.5 MoU mal-Klabb tad-Depiro

37.5.1 Is-Sindku preżenta draft ta' MoU hekk kif mitkellem mal-membri tad-Depiro Basketball Club. Il-Kunsill iddiskuta l-ftehim u kien hemm qbil li 1) M'hemmx għalfejn ikun hemm xahrejn notice u għaldaqstant il-perjodu għandu jinbidel għal xahar; 2) Isir proviso li l-bosk jista' jingħalaq għal perjodu ta' żmien minħabba manutenzjoni ordinarja u straordinarja u li l-Kunsill se jibqa' jkollu kontroll assolut għall-immaniġġjar tiegħu. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jkun hemm anness pjanta ta' fejn hu aċċessibbli u fejn m'huwiex. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Attard kien hemm qbil ukoll li għandna nitolbu li l-Kunsill ikollu dritta għal self jew użu tal-grawnd tal-futbol għal minimu ta' 12-il siegħa fis-sena. Is-Sindku informa li min-naħa tagħhom kienu wkoll issuġġerew li ssir attività sportiva konġunta mal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill jaqbel mal-prinċipju ġenerali li ż-żewġ entitajiet qed jikkommettu li jikkoperaw flimkien biex isaħħu l-edukazzjoni fiżika u l-isport permezz ta' inizjattivi varji matul is-sena.

## 37.6 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-Ħaddiema tal-Kunsill

37.6.1 Is-SE preżentat l-*appraisals* tal-ħaddiema fejn irrakkomandat li kollha li huma jingħataw il-massimu tal-6%, inkluż l-uffiċjal Katia Fenech (pro-rata) li ma kinitx għadha tagħti servizz fil-Kunsill.

37.6.2 Is-SE preżentat ukoll l-*appraisal* tagħha fejn is-Sindku uxxenti kien qed jipproponi li tieħu wkoll il-massimu tal-*performance bonus*, ċioè 10%.

37.6.3 Il-Kunsill approva dan kollu.

37.6.4 Sadanittant is-SE infurmat li kif kienet diġà ħabbret permezz tal-email, l-Uffiċjal Eżekuttiv, is-Sur Rodney Fenech, kien irriżenja mill-kariga tiegħu b'effett mill-ġurnata ta' qabel. Għaldaqstant hekk kif maqbul permezz tal-*email*, kien hemm qbil li l-vakanza li se tiġi ppubblikata għandha tkun għal Assistent Uffiċjal Prinċipali.

37.6.5 Kien hemm qbil li l-Bord tal-intervisti jkun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u s-SE. Il-Kunsillier Dr Attard wera x-xewqa li jkun fuq il-bord kemm-il darba jkun jista' jattendi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 37.7 Aġġudikazzjoni – Kuntratt ta' Ġbir ta' Skart u Kwotazzjoni għal xogħol temporanju

37.7.1 Is-SE infurmat li kienu nġabu numru ta' kwotazzjonijiet għal servizz ta' ġbir ta' skart mil-lokalità sakemm tiġi *awarded* l-offerta. Kien hemm qbil li tingħata lill-irħas offerent, Maria Gatt.

37.7.2

Sadanittant is-SE infurmat li l-għada l-Ġimgħa kienet tagħlaq l-offerta tal-ġbir ta' skart u għaldaqstant fakkret lill-membri tal-bord biex jippreparaw għal laqgħa biex wara li tinfetaħ l-offerta, tibda d-diskussjoni dwar l-offerti.

## 37.8 Rapport dwar Ġemellaġġi

37.8.1 Is-SE infurmat li fis-sena 2021 ma kien hemm ebda attività bejn il-Kunsill u ż-żewġ lokalitajiet li għandu ġemellaġġ magħhom. Għaldaqstant kienet se tinforma lid-DLG b'dan kollu, bħalma titlob il-liġi.

## 37.9 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal Kull kwart (Sett – Diċ 2021)

37.9.1 Is-SE għaddiet kopja tar-Rapport u l-Accountant tal-Kunsill, li kienet preżenti, infurmat li l-Kunsill kien spiċċa s-sena b'mod pożittiv, b'indikatur finanzjarju ta' 25%.

37.9.2 Ir-rapport ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

## 37.10 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2021

37.10.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-Financial Statements għas-sena 2021. L-accountant tat spjega ħafifa tiegħu u r-rapport ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

## 37.11 Approvazzjoni tal-Baġit tal-Kunsill għas-sena 2022

37.11.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-baġit għas-sena 2022.

37.11.2 Il-baġit ġie approvat sakemm ma jkunx hemm xi rakkomandazzjoni fil-laqgħa tal-lokalità.

## 37.12 Approvazzjoni Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

37.12.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li minn l-1 ta' Jannar 2022, kien hemm President ġdid, is-Sur Clifford Gaea.

37.12.2 Fost oħrajn semmiet li kien hemm ħsieb li jsir MoU dwar bollards fit-toroq. Il-kunsill ma qabilx ma' dan l-MoU u talab lill-Kunsillier Mifsud biex tagħti aktar informazzjoni 'l quddiem.

37.12.3 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li kien ġie approvat il-baġit tar-Reġjun Tramuntana. Hija kienet se tieħu ħsieb li tgħaddi kopja lill-Kunsill kollu.

37.12.4 Il-Kunsillier Sammut Dimech talbet lill-Kunsillier Mifsud biex tagħmel rakkomandazzjoni lir-Reġjun biex ikun hemm xi skemi għal għajnuna lil-libreriji li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

## 37.13 Punti oħra

37.13.1 Is-SE infurmat li kienet bagħtet kommunikazzjoni lis-CEO ta' Heritage Malta iżda dan kien informa li ma setgħux ikunu ta' għajnuna għall-immaniġġjar tal-Visitors Centre. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni wkoll lil Din l-Art Ħelwa.

37.13.2 Sadanittant kjarifikat li l-€40,000 li semmiet id-darba ta' qabel kienu parti mill-ko-finanzjament diġà mwiegħed u mhux possibbiltà ta' fondi oħrajn ġodda. Hija qalet li kienet bagħtet kommunikazzjoni lill-Ministru tat-Turiżmu għall-għajnuna finanzjarja sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli bil-proġett tal-VC.

37.13.3 Is-SE infurmat li fir-rigward il-ftehim tal-iskema tal-MAGF kien se jkun impossibbli li twettaq il-proġett tal-foresta tal-frott bejn il-barracks minħabba nuqqas ta' staff u xogħol ieħor li ma jistax jistenna, fosthom il-proġett tal-arloġġ u l-VC li kien għadu għaddej. Hija infurmat li kienet tkellmet mal-MAGF u dawn ikkonfermawlha li mhux possibbli li jkun hemm estensjoni u għaldaqstant talbet biex il-Kunsill jippermettilha li tinforma b'dan kollu lill-MAGF biex nirrinunzjaw għall-fondi. Il-Kunsill qabel li tagħmel dan ladarba m'hemmx alternattivi oħra.

37.13.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp dwar xi logħob tan-nar li xtaqu li jagħmlu għal żmien il-festa. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' magħhom.

37.13.5 Hawnhekk il-Kunsillier Dr Attard fakkar li IM kienu wegħdu li għandha ssir rawndebawt fil-bypass hekk kif wieħed jinżel minn Triq l-Istazzjon bħala parti mill-proġett tal-pont. Is-Sindku kien se jieħu ħsieb li jfakkar lil IM dwarha.

37.13.6 Is-SE infurmat li kien kellimha organizzatur tat-Triathlon dwar il-possibbiltà li fis-sajf tintuża l-bypass tal-Imtarfa għal xi tlielaq. Huma kienu qed jissuġġerixxu li tintuża biss naħa waħda, bil-vetturi jgħaddu minn l-Imtarfa u l-karreġġjata min-naħa tan-Nigret lejn il-Mosta tibqa' dejjem miftuħa. Min-naħa tagħhom, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jimxu fuq dawn il-parametri.

37.13.7 Is-SE infurmat ukoll li s-Sibt din il-karreġġjata kienet se tinżamm magħluqa ħabba xi xogħlijiet mill-kuntrattur ta' IM fil-viċin tar-rawdenawt il-ġdid.

37.13.8 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien ġie infurmat li l-allokazzjoni għas-sena 2022 kienet se tkun €312,390.

## 37.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

37.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 01/2022), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 37.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

37.10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-9:10pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Frar fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2022.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |

Laqgha tal-lokalita 2022

DA – ferah lil Kyle ghall-gurament bhala sindku. DA irringrazzja lill-kunsilliera, lill-amministrazzjoni, lir-residenti wkoll. Meta tpoggi kollox fuq il-bilanc, tul dawn l-ahhar ghaxar snin tajna hafna lura mill-fiducja tan-nies. Huwa informa li se jkompli jikkontribwixxi u jappoggja lil kyle u lill-kunsill shih.

KM – irringrazzja lil DA u qal li l-hsieb huwa li nimxu fuq l-istess passi ghall-gwadann tac-cittadini tal-Imtarfa. Privilegg b'responsabbilta' kbira u looking forward ghal dawn is-sentejn li gejjin. Bord and bred in Mtarfa. Jispera li dak li ha jaghtih lura f'hidma lill-lokalita'.

Spjega dwar Estimi Finanzjarji –

Kevin Meli – Triq Sir Philip Pullicino – razzett ta' warajna – Se nsibu l-applikazzjoni u se naraw biex indahhlu objection. Razzett tal-baqar – PA 03148/12 – kevcor@hotmail.com

DA qal li saru interventi ghal dawl gdid, outdoor gym, outdoor library, bicycle racks, kollox bl-intenzjoni li ntejbu l-kwalita' tar-residenti ta' din iz-zona. Qed isiru l-parkeggi.

Deborah Zarb – L-istess dwar il-cow shed ta' skonju – se nkellmu lill-Perit. Talba biex jehlu xi CCTV's – mimli hmieg tal-klieb. 4 – 6pm ikun hemm min imexxi l-klieb.

Joanne Borg – Triq in-Narcis – Sigra fi Triq il-Pepprin – zokk hdejn il-funtana u cint imwaqqa'.

Frances Falzon – Triq il-Gizi – Trimming tas-sigar tal-palm – knis problema. Dumping – dawl temporanju imma baqa' l-istess – bhala kunsill diga' ghamilna stima u qed nippruvaw ingibu fondi biex isiru. Se nippruvaw intejbu anke z-zona over all. Is-CPO informa li inspections dwar dog fouling isiru darbtejn fil-gimgha.

Mental Health Clinic – mhemmx fejn ipoggu.

Marvic Zammit – Sir Philip Pullicino – Isolation Hospital – fil-passat kient harget EOI ghal progett tad-dimensja pero' waqaf kollox. Ma kienx hemm xejn konkret ghax kienu biss proposti u mhux applikazzjoni. Jekk ikun hemm, naghmlu laqgha mar-residenti u niehdu s-side tar-residenti. Tali konsultazzjoni ma setghetx issir ghx ma kien hemm xejn konkret.

Rain Culvert – biex jintnaddfu aktar spiss.

Sleeping policemen – KM irringrazzja lill-pulizija ghaliex is-sewqan eccessiv naqas hafna.

In-numru ta – 79469051 Surgent – 79469052 – 79469053